

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

DEĊIŻJONI TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

tat-13 ta' Settembru 2011

dwar il-preżentata u r-riċezzjoni ta' atti proċedurali permezz tal-applikazzjoni e-Curia

(2011/C 289/06)

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA,

Wara li rat ir-Regoli tal-Proċedura u, b'mod partikolari, l-Artikoli 37(7) u 79(3) tagħhom,

Billi:

- (1) Sabiex l-evoluzzjoni ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni tittieħed inkunsiderazzjoni, għet żviluppata applikazzjoni informatika li tippermetti l-preżentata u r-riċezzjoni ta' atti proċedurali b'mod elettroniku.
- (2) Din l-applikazzjoni, li hija bbażata fuq mekkaniżmu ta' awtentifikazzjoni elettronika u li tagħmel użu minn kodiċi ta' awtentifikazzjoni u password, tissodisfa r-rekwiżiti ta' awtentiċità, ta' integrità u ta' kunfidenzjalità tad-dokumenti skambjati,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Applikazzjoni informatika msemmija "e-Curia", komuni għat-tliet qrti li jiffurmaw il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, għandha tippermetti l-preżentata u n-notifika ta' atti proċedurali b'mod elettroniku skont il-kundizzjonijiet previsti f'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-użu ta' din l-applikazzjoni għandu jirrikjedi kodiċi ta' identifikazzjoni u password.

Artikolu 3

Att proċedurali ppreżentat permezz tal-e-Curia għandu jitqies li huwa l-oriġinal ta' dan l-att, fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 37(1) tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-kodiċi ta' identifikazzjoni u l-password tar-rappreżentant ikunu ntużaw għal din il-preżentata. Din l-identifikazzjoni tiswa bħala firma tal-att inkwistjoni.

Artikolu 4

L-att ippreżentat permezz tal-e-Curia għandu jkollu mehmuż miegħu l-annessi msemmija fih kif ukoll l-iskeda li telenka dawn l-annessi.

Il-preżentata ta' kopji awtentikati tal-att ippreżentat permezz tal-e-Curia u tal-annessi eventwali tiegħu ma hijiex neċessarja.

Artikolu 5

Il-mument li fih att proċedurali jitqies li għe ppreżentat fis-sens tal-Artikolu 37(3) tar-Regoli tal-Proċedura għandu jkun dak tal-validazzjoni, mir-rappreżentant, tal-preżentata ta' dan l-att.

Il-ħin li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni huwa dak tal-Gran Dukati tal-Lussemburgu.

Artikolu 6

L-atti proċedurali, inklużi s-sentenzi u d-digrieti, għandhom jiġu nnotifikati permezz tal-e-Curia lir-rappreżentanti tal-partijiet ladarba jkunu aċċettaw espliċitament dan il-mod ta' notifika jew, fil-kuntest ta' kawża, ladarba jkunu taw il-kunsens tagħhom għal dan il-mod ta' notifika billi jkunu ppreżentaw att proċedurali permezz tal-e-Curia.

L-atti proċedurali għandhom jiġu nnotifikati wkoll lill-Istati Membri, lill-Istati l-oħra li huma parti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u lill-istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni li jkunu aċċettaw dan il-mod ta' notifika.

Artikolu 7

Id-destinatarji tan-notifiki msemmija fl-artikolu preċedenti għandhom jiġu avżati, permezz ta' messaġġ elettroniku, b'kull notifika indirizzata lilhom bl-e-Curia.

L-att proċedurali għandu jitqies li għe nnotifikat fil-mument meta d-destinatarju (rappreżentant jew assistent ta' dan tal-aħħar) jitlob aċċess għall-att inkwistjoni. Fin-nuqqas ta' talba għal aċċess, l-att għandu jitqies li għe nnotifikat wara l-iskadenza ta' terminu ta' sebat ijiem mid-data meta jkun intbagħat il-messaġġ elettroniku ta' avvż.

Fil-każ li parti hija rrapreżentata minn diversi aġenti jew avukati, il-mument li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tat-termini għandu jkun dak li fih tkun saret l-ewwel talba għal aċċess.

Il-ħin li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni huwa dak tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

Artikolu 8

Ir-Regjistratur għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' użu tal-e-Curia u jiżgura l-osservanza tagħhom. Użu tal-e-Curia li ma huwiex konformi ma' dawn il-kundizzjonijiet jista' jwassal għad-diżattivazzjoni tal-kont ta' aċċess ikkonċernat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tiżgura li ma jkun hemm ebda abbuż jew użu ħażin tal-e-Curia.

L-utent għandu jiġi avżat permezz ta' messaggġ elettroniku dwar kull miżura meħuda skont dan l-artikolu u li twaqqfu milli juża l-kont ta' aċċess tiegħu.

Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-13 ta' Settembru 2011.

Ir-Regjistratur
A. CALOT ESCOBAR

Il-President
V. SKOURIS